Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)
Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali
Magistrat Dr. A. Lofaro LL.D. Dip. Stud. Rel. Mag. Juris (EU Law).

Il-Pulizija
(Spettur Geoffrey Azzopardi)

vs

Paul Vella

Illum 23 ta' Jannar, 2002

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-pulizija kontra l-imputat Paul Vella, iben Joseph u Paola nee Azzopardi, imwieled il-Mosta u detentur tal-karta tal-identita bin-numru 430453M talli fis-16 ta' Awissu 2001 u fil-gimghat ta' qabel, fil-Mosta ikkaguna griehi ta' natura hafifa fuq il-persuni ta' Dorianne Vella u Maria Vella skond ma ccertifikaw Dr. J. Scicluna M.D. tac-Centru tas-Sahha tal-Mosta u Dr. V. Ventura M.D ta' l-Isptar San Luqa rispettivament;

U aktar talli fl-istess dati, lokalitajiet, hinijiet u cirkostanzi volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli liema hsara ma tiskorriex il-hamsin lira Maltin ;

U aktar talli fl-istess dati, lokalitajiet, hinijiet u cirkostanzi, volontarjament kisser il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku ;

U aktar talli fl-istess dati, lokalitajiet, hinijiet u cirkostanzi ghad illi kien xurban, qal fil-pubbliku xi kliem oxxen jew indicenti, jew ghamel atti jew gesti oxxeni, liema kliem kien anke jikkonsisti f'espressjonijiet ta' dagha ;

U aktar talli fis-16 ta' Awissu 2001 ghal habta tal-5.00 p.m. fl-ghassa tal-pulizija tal-Mosta, ma obdiex l-ordnijiet legittimi ta' l-awtorita' jew ta' wiehed li kien inkarigat minn servizz pubbliku, jew ma hallihx jew fixklu waqt li kien qed jaghmel id-dmirijiet tieghu, jew b'xi mod iehor bla jedd indahal fi dmiru, billi ma halliex lil haddiehor jaghmel dak li b'ligi kien ordnat jew seta' jaghmel, jew billi gab fix-xejn jew hassar dak li haddiehor kien ghamel skond il-ligi, jew b'xi mod iehor ;

Fl-ahhar nett akkuzat bi ksur tal-probation a tenur ta' l-Artiklu 5 tal-Kap 152 tal-Ligijiet ta' Malta fejn huwa kien gie misjub hati b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati datata 6 ta' Ottubru 2000.

Semghet il-provi ;

Peress illi t-tielet, ir-raba u l-hames akkuzi gew ippruvati ;

Rat l-artikoli 338 (dd), 342, 338 (bb) u 338 (ee) tal-Kap. 9 ;

Rat ukoll l-artikolu 5 tal-Kap 152 u testendi l-ordni ta' probation moghtija mill-Qorti tal-Magistrati tas-6 ta' Ottubru 2000 ghal zmien 3 snin ohra millum.

Il-Qorti tordna illi l-hati jibda u itemm b’success programm ghar-riabilitazzjoni mix-xorb alkoholiku.

Il-Qorti tqieghed lill-hati taht is-sorveljanza tal-ufficjal tal-probation M’Anne Zammit li ghandha tirraporta lill-Qorti bil-miktub kull tlett xhur dwar l-andament tal-hati.

Il-Qorti tiddikjara illi spjegat lill-hati skond il-ligi u fi kliem car bir-responsabbilita’ tieghu ghal din is-sentenza.

Il-Qorti finalment tilliberah mill-ewwel u t-tieni akkuzi li ma gewx ippruvati.

(Ft) Rita Saliba
Deputat Registratur